MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 317/2006

**Edwin Busuttil (Id 755053M)**

**vs**

**Citadel Insurance Plc noe et**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' hames mija tlieta u sittin Liri u sebghin centezmi (LM563.70.) rapprezentanti hlas dovut mill-istess konvenut lil Edwin Busuttil fir-rigward ta' spejjes tal-habta li sehhet fit-18 ta' Lulju, 2005 bejn il-vettura tal-attur bin-numru ta' registrazzjoni EJB003 u l-vettura tal-assigurat bin-numru tar-registrazzjoni FAI929 ghal-liema habta l-istess asigurat kien unikament responsabbli u li b'kagun ta' l-istess habta l-attur kellu jikri karozza ohra sakemm il-vettura tieghu sarulha t-tiswijiet kollha mehtiega u li hi ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali.

Ra li s-socjeta’ konvenut baqa’ ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut ipprezentat minn PL Josette Attard fit-22 ta’ Mejju, 2006 quddiem it-Tribunal diversament presjedut;

Ra r-rikors pprezentat mis-socjeta’ konvenuta fit-23 ta’ Ottubru, 2006 fejn ir-rikorrent talab is-sospensjoni tal-prolazzjon tas-sentenza stante illi t-talba si tratta ta’ danni rizultanti minn kollizjoni u ghalhekk it-Tribunal bhala tali mhux kompetenti;

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta lli din hija kawza ghal spejjez sofferti wara incident awtomobilistiku. Jirrzultalli l-Avviz promotorju gie pprezentat fil-11 ta’ April, 2006.

Permezz ta’ L-Avviz Legali 279 tas-sena 2005 gie stabbilit lli l-valur tat-tilwimiet li ghalihom kienet qed issir referenza kien dawk li ma jeccediex il-hamest elef Lira (LM5000.00) dan ir-regolament gie fis-sehh b’effett mill-1 ta’ Awsissu, 2005, kull tilwima li torigina minn kollizjoni bejn vetturi, jew hsara nvolontarja fil-proprjeta’ li tinvolvi vetturi ghandha tigi determinate permezz ta’ Arbitragg.

Konsegwentement ai termini tal-Kap 387 u l-Avviz Legali 279 fuq imsemmija, u peress illi din il-kawza hija wahda ghad-danni rizultanti minn incident awtomobilistiku, din it-tilwima ghandha tigi determinata permezz ta’ Arbitragg.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li din il-kawza mhiex ta’ kompetenza tieghu u konsegwenetement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u jordna l-kancellament taghha minn fuq il-lista.

Spejjez a karigu tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------